# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2019**

**Numru 4**

**Rikors numru 168/17 AL**

**Clayton Delia**

**v.**

**Claire Agius f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha Mikhail Agius u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuta minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fid-19 ta' April 2018 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li fil-konsiderazzjonijiet taghha cahdet it-talba tal-konvenuta ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, laqghet it-talbiet tal-attur u in sostanza ddikjarat li hu l-missier bijologiku tal-minuri Mikhail, wild

komuni tal-partijiet, u ordnat li d-dettalji tal-attur bhala missier il-minuri jitnizzlu fl-att tat-twelid tal-minuri, bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta.

Il-Fatti

2. Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma s-segwenti. Fil-11 ta' Lulju 2017 il-konvenut beda l-proceduri odjerni sabiex jigi rikonoxxut bhala l-missier bijologiku tal-minuri Mikhail u jsiru d-debiti annotazzjonijiet fl-att tat-twelid ta' dan il-wild. Minkejja li l-konvenuta kienet giet debitament notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh fil-25 ta' Awissu 2017 hija ghazlet li tibqa' kontumaci billi ma pprezentatx risposta guramentata.

3. Fl-ewwel udjenza li saret fit-23 ta' Novembru dehru l-partijiet assistiti mill-avukati taghhom u l-ewwel Qorti, wara li hatret espert xjentifiku biex isiru t-testijiet genetici, iddeferiet il-kawza ghat-22 ta' Frar 2018 ghall-kontinwazzjoni.[1]

4. Fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018[2] inizjalment, minbarra l-avukat tad-Direttur konvenut, deher l-attur mhux assistit u dehret ukoll il-konvenuta legalment assistita, izda l-avukat tal-attur baqa' ma deherx u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghat-<u>22 ta' Mejju 2018</u> "*sabiex tigi prezentata nota bid-*

[1] Fol.16
[2] Fol.24

*dettalji kollha tal-missier naturali u sabiex il-partijiet [jipprovaw] jaqbu dwar il-kunjom li ghandu jassumi l-minuri*".

5. Il-verbal ta' dik l-udjenza ikompli hekk:

> "Aktar tard dehret Dr.Marie Elise Agius ghall-attur prezenti fl-awla, u hadet konjizzjoni tal-verbal tallum. Dr.Marie Elise Agius iddikjarat illi, stante li l-konvenuta Claire Agius hija kontumaci u ghalhekk [sic] il-minuri ghandu jassumi il-kunjom Delia".

6. Wara li kien sar dak il-verbal, fl-istess udjenza xehed l-attur u l-ewwel Qorti ddegretat hekk:

> "Il-Qorti, wara li rat illi gew sorvolati l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut direttur thalli l-kawza ghas-sentenza ghad-19 ta' April 2018".

7. In segwitu ghal dik l-udjenza l-konvenuta[3] ipprezentat rikors fit-13 ta' Marzu 2018, fejn [1] irrilevat li wara li l-kawza kienet diga` giet differita ghat-22 ta' Mejju 2018, hi u l-avukat taghha ma baqghux prezenti fl-awla u ghalhekk ma kellhomx konjizzjoni ta' dak li gara wara li l-ewwel Qorti tat l-ewwel differiment u wkoll [2] talbet li tiggustifika l-kontumacja u li hi "tintegra ruhha f'dawn il-proceduri" peress li ma kellhiex tort ghan-nuqqas li tigi ipprezentata risposta guramentata. L-ewwel Qorti provdiet fuq dan ir-rikors billi, *inter alia*, iddikjara li kienet ser tiddeciedi dwar it-talba rigwardanti il-kontumacja u dwar l-ispejjez tal-proceduri fid-19 April 2018.

---

[3] Assistita minn avukat differenti

Is-Sentenza Appellata

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti relevanti ghall-appell odjern:

> "L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri Mikhail imwieled lill-konvenuta Claire Agius, f'data illi sal-preżentata tal-proċeduri odjerni, huwa ma kienx jaf x'inhi, iżda li sussegwentement irriżulta illi kienet it-12 ta' Jannar 2017.[4] Sal-lum, dan il-minuri huwa ddikjarat bħala iben missier mhux magħruf u jġorr il-kunjom tal-omm, ossia Agius.
>
> "Il-konvenuta ippreżentat rikors fit-13 ta' Marzu 2018, fejn hija tittenta tintegra ruħha f'dawn il-proċeduri, stante illi hija ssostni li l-ħtija tal-kontumaċja tagħha m'hijiex tagħha iżda tal-konsulenti legali preċedenti tagħha. Hija inoltre ssostni li m'għandha l-ebda ħsieb li ċċaħħad lir-rikorrenti milli jirrikonoxxi lill-minuri Mikhail Agius bħala ibnu. Tant hija xtaqet illi r-rikorrent jipparteċipa sa mill-bidu nett tat-tqala tagħha, illi hija tat f'idejn l-attur, l-oriġinal tal-ewwel ultrasound tal-gravidanza tagħha. Tinsisti li kien l-attur li qatt ma wera interess fit-tarbija tagħhom sa mill-bidu nett.
>
> "<u>Dwar il-kontumaċja tal-intimata</u>
>
> "Permezz tat-tieni talba tal-intimata, kif dedotta fir-rikors tagħha ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2018, hija titlob illi tintegra ruħha f'dawn il-proċeduri għaliex hija ma taħti assolutament xejn għall-kontumaċja li sabet ruħha fiha tort tal-ħtija ta' terzi persuni. Dan għaliex hija uriet interess kbir bil-provi sa mill-bidu nett ta' dawn il-proċeduri u dan l-interess intwera mhux biss bil-preżenza tagħha quddiem din l-Onorabbli Qorti imma anke wkoll bl-offerti tagħha li għamlet lil attur. Tispjega illi kien in-nuqqas tal-konsulenti legali tagħha li ma wieġbux sija għar-rikors ġuramentat kif ukoll għall-ittra ġudizzjarja lilha mibgħuta.
>
> "Illi fil-fehma tal-Qorti, din il-verżjoni tal-intimata hija tassew inverosimili, fl-ewwel lok, għaliex hija naqset illi tipprovdi xi prova in sostenn tal-allegazzjoni tagħha bħalma hija xi riċevuta ta' pagament relattiv għal risposta ġuramentata jew prova oħra. Fit-tieni lok, il-Qorti tirrileva illi f'Marzu 2017, meta rċeviet l-ittra ġudizzjarja, l-intimata kienet qed tiġi patroċinata minn avukat, filwaqt illi f'Awwissu 2017, meta rċeviet ir-rikors ġuramentat kienet qed tiġi patroċinata minn avukat ieħor. Illi li avukat wieħed ikun negliġenti, huwa possibbli. F'għajnejn il-Qorti, li żewġ avukati differenti fl-istess każ ikunu negliġenti, hija kemmxejn

[4] Id-data tat-twelid tirriżulta mir-rapport tad-DNA, fol. 19

improbabbli, partikolarment meta kull avukat jaf tajjeb l-import tan-nuqqas tar-risposta ġuramentata, u wkoll meta ż-żewġ avukati in kwistjoni, il-Qorti taf tajjeb li dawna t-tnejn għandhom esperjenza kbira u rekord tajjeb ta' diliġenza u rispett kbir fil-konfront ta' din il-Qorti.

"Għaldaqstant il-Qorti ma temminx li hija ħtija ta' dawn l-avukati li l-intimata baqgħet kontumaċi, u ilnotre tħoss li huwa nġust fil-konfront tagħhom li tittenta tħammeġ ir-reputazzjoni tagħhom b'dan il-mod.

"Illi dwar il-preżenza tal-intimata fl-awla għall-udjenzi, dan huwa dejjem desiderabbli, iżda m'huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika il-kontumaċja. Kif intqal fil-kawża fl-ismijiet Noel Calleja et. vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited[5], liema kawża sħarrġet sewwa l-istitut tal-kontumaċja u kif dan evolva matul iż-żmien, il-Qorti saħqet illi "Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita` ġudizzjarja. Dik il-preżenza tal-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija inveċe meħtieġa bħala parti mill-indaġini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le."

"Fil-fehma tal-Qorti, ir-raġuni mogħtija mill-intimata għan-nuqqas tagħha li tippreżenta risposta ġuramentata ma tikkostitwixxix "kawża ġusta" kif mifhum mill-ġjurispridenza tagħna fosthom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawnhekk iċċitata. Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-intimata, kif dedotta fir-rikors tagħha tat-13 ta' Marzu 2018, u tikkonfermaha kontumaċi f'dawn il-proċeduri".

9. Wara l-konsiderazzjonijiet premessi l-ewwel Qorti ghaddiet biex tezamina u tiddeciedi dwar il-meritu.

L-Appell

10. Il-konvenuta prezentat rikors ta' appell fl-4 ta' Mejju 2018 li ghalih irrispondew kemm l-attur b'risposta prezentata fl-24 ta' Lulju 2018 kif ukoll id-Direttur konvenut b'risposta prezentata fit-8 ta' Awwissu 2018.

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Jannar 2005, (APPell Ċivili: 126/2003/1)

11. Il-konvenuta qed tibbaza l-appell taghha fuq sitt aggravji li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, uhud minnhom jirkbu fuq xulxin. Fil-qosor l-aggravji huma: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi, b’referenza ghal Artikolu 158 [10] tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, [2] li dik il-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba mill-konvenuta fir-rigward tar-rikors taghha tat-13 ta’ Marzu 2018, [3] li dik il-Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi, b’referenza ghal Artikolu 92[1] tal-istess kodici, [4] li dik il-Qorti ghamlet apprezzament u decizjoni hazina dwar il-kap tal-ispejjez u [5] u [6] li d-decizjoni moghtija fis-sentenza appellata giet moghtija bi vjolazzjoni tal-principju tal-*audi alteram partem.*

12. Abbazi tal-aggravji premessi, il-konvenuta qieghda titlob li s-sentenza appellata tigi revokata u, filwaqt li *“tichad l-eccezzjonijiet [recte: it-talbiet] tal-appellat tilqa’ it-talbiet [recte: l-eccezzjonijiet] tal-appellanti”* bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

13. Min-naha tieghu l-atturipprezenta r-risposta tieghu fl-24 ta’ Lulju 2018 fejn, wara li talab l-isfilz tal-kopja tar-rikors anness mar-rikors tal-appell u li kien gie prezentat fil-25 ta’ Gunju 2018 in kwantu dan huwa irrelevanti ghall-meritu tal-kawza odjerna [u li ghalih hu kien irrisponda b’risposta prezentata fit-30 ta’ Lulju 2018], qed jitlob li, ghar-ragunijiet

minnu esposti fir-risposta tieghu tal-24 ta' Lulju 2018 l-appell ghandu jigi dikjarat frivolu u vessatorju u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

14. Din il-Qorti, qabel ma tibda tittratta l-aggravji, taghmel referenza ghar-rikors tal-konvenuta prezentat quddiemha fil-25 ta' Gunju 2018 u li ghalih wiegeb l-attur fit-30 ta' Lulju 2018, liema rikors jitratta l-modalita` tal-access ghall-minuri favur l-attur, u tipprovdi dwaru billi, kif sostnut mill-attur, il-meritu tar-rikors jezorbita mill-parametri gudizzjarji tal-azzjoni odjerna u ghalhekk ser tordna l-isfilz tieghu u tar-risposta relattiva.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Ewwel, il-Hames u s-Sitt Aggravji*

15. Il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel dawn l-aggravji, ghax jekk jigi deciz li dawn huma fondati allura l-appell jigi milqugh u ma jkunx hemm ghalfejn jigu ikkonsidrati l-kumplament tal-aggravji.

16. Bazikament permnezz ta' dawn l-aggravji l-konvenuta ssostni li s-sentenza appellata tmur kontra dak espressament dettat mill-Artikolu 158 [10] tal-kodici fuq imsemmi, kif ukoll kontra l-principju tal-gustizzja naturali tal-*audi alteram partem.* Fi kliem iehor hija tissottometti li meta l-ewwel

Qorti iddifferiet il-kawza ghas-sentenza minghajr ma tatha l-fakolta' moghtija lilha bhala kontumaci bil-ligi li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, anke jekk il-Qorti ma accettatx it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, hija giet imcahhda illegalment mid-dritt taghha li taghmel is-sottomissjonijiet fuq il-kaz.

17. Din il-Qorti, wara ezami tal-atti, tosserva li ma kienx korret u legalment validu dak maghmul fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, jigifieri li wara li l-kawza kienet diga` giet differita ghat-22 ta' Mejju 2018 ghall-prezentata tan-nota tal-attur, kompliet tisma' l-kawza "*aktar tard*" u halliet il-kawza ghad-19 ta' April 2018 ghas-sentenza, u l-allegazzjoni tal-konvenuta u l-avukat taghha li huma ma kinux prezenti ghal din l-ahhar parti tal-verbal hija verosimili u wkoll issib konfort fil-fatt li fit-13 ta' Marzu 2018 il-konvenuta pprezentat rikors fejn, minbarra li ssenjalat li hi ma kinitx prezenti, talbet *inter alia* l-opportunita` li tiggustifika l-kontumacja taghha.

18. Inoltre, l-ewwel Qorti ttrattat u ddecidiet il-kwistjoni tal-kontumacja fl-istess sentenza appellata li fiha ttrattat u ddecidiet il-meritu, b'nuqqas manifest ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 158 [10] li, fil-kaz li l-konvenut ikun kontumaci –

> "Il-Qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur.

> Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi".

19. Dan, l-ewwel Qorti m'ghamlitux, bir-rizultat li l-konvenuta sabet ruhha milquta' b'decizjoni li dwarha mhux biss ma kinitx inghatat l-opportunita` li tressaq provi u sottomissjonijiet dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja, izda talli ma nghatatx l-opportunita` li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar il-mertu; b'hekk gie vjolat dak li jiddisponi tassattivament l-artikolu fuq citat u wkoll il-principju *audi alteram partem*.

20. Ghaldaqstant dawn l-aggravji tal-konvenuta huma gustifikati u qed jigu milqugha.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq esposti tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenuta, tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigh tal-kawza skont il-ligi.

Tordna l-isfilz mill-atti tar-rikors tal-konvenuta tal-25 ta' Gunju 2018 u tar-risposta relattiva tat-30 ta' Lulju 2018.

L-ispejjez jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb